

# L-OMMIJIET TA' ISRAEL U OMM ĠESÙ (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

## Mirjam oħt Mosè

Mirjam oħt Mosè hija waħda mill-persunaġġi tant għeżież għal poplu ta' Israel kollu. Sa mill-ewwel snin it-tifkira tagħha fit-Testment il-Ġdid hija waħda tipika bħala "eroina" qalb il-poplu tagħha stess. Probabbilment lil omm Ġesù, li din ukoll jisimha Mirjam, il-ġenituri tagħha tawha dan l-isem bħala kumpliment ta' mħabba u ġibda lejn Mirjam oħt Mosè.

Mirjam u l-aktar minħabba l-għanja tagħha wara l-qsim tal-baħar ħadet isem tassew kbir, importanti u komuni. "U Mirjam, il-profetessa, oħt Mosè u Aaron, qabdet it-tambur f'idejha u ħarġu n-nisa warajha bit-tnabar u ż-żfin" (Eż 15,20)

B'mod partikulari fil-ktieb tal-Eżodu, Mirjam imsejħa "profetessa" (Eż 15,20). Minħabba dan il-punt it-tradizzjoni Ġudajka nisġet serje ta' rakkonti li joħorġu għad-dawl il-karriżma profetika tagħha. Huma jitilqu mid-diversi ċirkustanzi li fihom twieled Mosè l-ewwel salvatur veru ta' Israel. Dan għaliex sa qablu niesu kienu skjavi tal-qilla tal-Fargħun f'art barranija.

B'mod ta' ispirazzjoni divina ta' min jemmen li Mirjam kellha kompitu speċjali biex tħabbar it-twelid u l-missjoni ta' ħuha Mosè. Meta mbagħad minħabba l-għira tal-Fargħun biex dan joqtol il-ġenituri ta' Mirjam – Għamram u Gokebed – huma kellhom jabbandunaw lil binhom ta' tlitt xhur fuq l-ilma tan-Nil (Eż 1,15-2,3). Mirjam kompliet temmen fl-orakli li kienet irċeviet mingħand Alla dwar il-kobor u r-responsabiltà futura ta' ħuha Mosè. Biss dan qatt ma jnaqqas il-merti ta' Mirjam, meta din "... qagħdet ftit 'il bogħod biex tara x'se jiġrilu" (Eż 2,4). Ma ninsewx li ħuha Mosè issa ta' tliet xhur kien qiegħed ġo qoffa miksija bil-qatran u ż-żift (Eż 2,3) f'wiċċ ix-xmara Nil. Din kienet responsabiltà mhix żgħira għal Mirjam.

L-evanġelista Mattew fil-kuntest tal-mewt ta' Ġesù fuq il-Kalvarju jgħid li "hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod" (Mt 17,55) Dawn in-nisa issa jistgħu wkoll ifakkru f'dak li għamlet oħt Mosè Mirjam f'dak il-waqt meta kienet tgħasses "mill-bogħod"; x'kien qatt se jiġri! Dan kien waqt drammatiku tassew! Tifla żgħira waħedha fuq ix-xatt tax-xmara Nil. Quddiema (Mirjam) kien hemm il-kurrenti għaddejin tax-xmara Nil, setgħu faċilment ikaxkru magħhom dak il-kannestru bit-tarbija Mosè ġo fih! Imma le kien hemm l-għassa sobrja ta' Mirjam (G. Michelini, *Stare con Gesù stare con Pietro*, Porziuncola, Assisi 2017)

## Il-profetessa Mirjam

Jeżiżtu bosta narrazzjonijiet qawwijin u dettaljati dwar



Mirjam bħala profetessa u li dawn qegħdin fil-Pseudo Filun. Dawn b'kuluri ċari jiddeskrivu r-relazzjonijiet tal-Lhud wara l-għamar tal-Fargħun dwar il-qtil tas-subien Lhud.

Il-Pseudu Filun (1 seklu wara Kristu) jikteb li x-xjuħ tal-poplu ssuġġerew lill-irġiel biex dawn ma jkollhomx aktar rapporti man-nisa tagħhom (9,2). Hekk huma jwaqqfu dik l-istraġi komuni li ordna l-Fargħun, il-qtil tat-tfal innoċenti, sempliċement għaliex huma Lhud. Dan kien għamar biex kull tifel li jitwieled lin-nisa Lhud jixħtuh fix-xmara Nil (1,15-2,3). Iż-żewġ qwiebel Għebrej "ma għamlux kif qalilhom is-sultan tal-Eġittu, imma ħallew is-subien ħajjin" (1,17).

Għamram mimli fidi għamja f'Alla ta' missirijietu li ma jiksirx il-wegħdi li għamel lil Abraham iddikjara b'mod ċar li kien kontrarju għal dak kollu. Għalhekk dan Għamram ingħaqad xorta waħda ma martu u ħeġġeġ lill-oħrajn biex dawn jagħmlu bħalu (9,3-6).

Din il-proposta ta' Għamram li ġiet milqugħa (9,9) intgħoġbot quddiem Alla, tant li qal: "Hekk hu dak li se jitwieled minnu għad jaqdini għal dejjem u permezz tiegħu se nagħmel ħwejjeġ meraviljużi mad-dar ta' Ġakobb".

L-ispirtu tal-Mulej ġie fuq Mirjam bil-lejl u hija kellha ħolma li l-għada fil-għodu rrakkuntata lill-ġenituri tagħha: "Dan il-lejl kelli ħolma – viżjoni, raġel liebes l-ħarir kien bil-wieqfa u qalli: "Mur u għid lill-ġenituri tiegħek: Hekk hu dak li għad jitwieled minnkom se jiġi mixħut fl-ilma, għaliex permezz tiegħu l-ilma għad jinxef. Jiena għandi bżonnu biex nagħmel sinjali, insalva l-poplu tiegħi u huwa jiggwidahom għal dejjem". Mirjam qalet b'dan il-ħolm lill-ġenituri tagħha.





## Rut

Fil-Ġudajiżmu Rut hija mdaħħla fost l-ommijiet ta' Israel. Għalhekk f'ċerti taqsimiet tal-letteratura Ġudajka hemm it-tendenza li jagħmlu minn Rut figura personifikata tal-poplu magħżul. Il-fatt li Mattew fil-ġeneoloġija jsemmi lil Rut,(Mt 1,5) dan ifisser ukoll kemm din il-persuna kienet ta' ċerta importanza diġà fl-ewwel żmien tal-Knisja fost il-Lhud-Insara.

Issa fuq in-naħa l-oħra Bogħaż jirrifletti l-imġiba ta' Alla lejn Israel. Fil-qosor, Bogħaż jirrappreżenta lil Alla, għarus, fil-waqt li Rut tirrappreżenta lil Israel, għarusa. Tipoloġija bħal din toħroġ mill-kummentarju l-kbir tal-ktieb omonimu meta dan ifisser il-vers 8 tal-kapitlu 2: "Ara qiegħda tisma' binti? Tmurx tlaqqat f'għalqa oħra..." (Rut 2, 8) qisu qiegħed jgħid: "Ma jkollokx allat oħra barra minni" (Eż 20,3). Ukoll "twarrabx minn hawn", qisu qed jgħid: "Dan hu Alla tiegħi, u lilu nfaħħar; Alla ta' missieri u lilu ngħolli." (Eż 15,2b).

Mill-kliem li Bogħaż qal lil Rut jidher paralelliżmu ma' dak li Alla jirrakkomanda lil Israel biex dan jitbiegħed mill-idolatrija, f'kelma waħda li ma jitħallatx ma' popli oħra li ma humiex Lhud. "Tmurx tlaqqat f'għalqa oħra" (Bogħaz); kif ukoll "Ma jkollokx allat oħra barra minni (Alla). Din li l-Lhud jitħalltu, fis-sens li jaslu biex jiżżewġu mal-barranin kienet xi ħaġa li taħsadhom tassew u mhux la kemm kienu jniżżluha! Difatti hekk wieġbu missier u omm Sansun meta dan binhom qalilhom li ħa grazzja ma' mara barranija Filistja: "Ma hemmx mara fost il-bniet ta' ħutek u fost il-poplu kollu tiegħek, biex int tmur tieħu mara minn fost il-Filistin bla ħtin?" (Mħal 14,3).

Barra dan hemm ukoll il-professjoni ta' fidi li biha Mosè u l-poplu kollu ta'



Israel, wara li għaddew mill-baħar l-Aħmar, għarrfu lil Alla bħala l-uniku Alla tagħhom: "Ma għandekx twarrab minn hawn" (Bogħaż) u "dan hu Alla tiegħi, li lilu rrid nigglorifika" (Mosè lill-poplu kollu ta' Israel)".

Rut minkejja li kienet mill-Moab, mela barranija għall-poplu Lhudi, imma kellha karattru tassew uman u ġeneruż, dejjem lesta li tgħin lil kull min ikun fil-bżonn. Wara l-Moab, Rut marret toqgħod Betlehem. Aktar 'il quddiem dan l-att ġeneruż, jiġifieri l-għajnuna li Rut tat u offriet lil Nagħomi, ifakkru Bogħaż lil Rut infisha.

"Qaluli b'kull ma għamilt mal-kunjata wara l-mewt ta' żewġek; ħallejt lil missierek u lil ommok u lil art twelidek, u tlaqt għal għand poplu li int xejn ma kont tafu qabel. Il-Mulej iħallsek talli għamilt" (Rut 2,11).

## Konklużjoni

Bogħaż jieħu l-atteġġjament ta' Alla; Rut qiegħda fuq in-naħa ta' Israel bħala poplu tal-patt. It-tipoloġija ta' Bogħaż u Rut li tidher fil-bidu tagħha fil-Ġudajiżmu, tiġi żviluppata aktar fl-ambitu Kristjan. Bogħaz huwa figura ta' Kristu, Rut tal-Knisja. Dan il-mod ta' qari joħroġ mal-bidu tas-seklu V. Iżda madwar is-sekli XII-XIII dejjem fil-persuna ta' Rut minbarra dak tal-Knisja toħroġ ukoll il-persuna ta' Marija. Jeżistu żewġ kummentarji ta' *Pietro della Cella* (1115-1182) li t-tnejn li huma ddedikati lil Rut.

Kemm fil-ġesti kif ukoll fil-kliem ta' Bogħaż lil Rut, huwa skopra raffigurazzjoni tar-rapporti Kristu lejn Marija, jew ta' Marija lejn Kristu. Biżżejjed dawn il-kwotazzjonijiet. Rut tgħid li Bogħaż: "Jiena Rut il-qaddejja tiegħek" (Rut 3,9). *Pietro della Cella* jirreferi din il-frażi għal Knisja li tiddikjara kompletament li hija għas-servizz ta' Kristu – għarus flimkien mal-istess kliem ta' Marija. "Hawn Jien il-qaddejja tal-Mulej. Ħa jsir minni skont kelmtek" (Lq 1,38). Kif Rut qieset lilha nfisha bħala l-qaddejja ta' Bogħaż u għalhekk dejjem lesta li tkun għalih l-id il-leminija, hekk ukoll wieġbet Marija it-tfalja ta' Nazaret lil Gabriel. Hija kienet dejjem lesta biex bil-fatti u mhux sempliċement bil-fomm tagħmel u tbaxxi rasha għal dak kollu li jgħidilha l-Mulej.